MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 55/2004

**Emanuel Grech**

**vs**

**John Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf lira Maltin (Lm1000.00) jew somma verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-attur stante incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Dicembru, 2002 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Gzira waqt li l-attur kien qieghed isuq vettura Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni EAX-245 u l-konvenut Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni HAS-123, liema incident sehh tort tal-konvenut stante imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra Fortress Insurance Agency Ltd prezentata kontestwalment u bl-imghax, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fis-16 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000.00), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-5 ta' Jannar, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra Fortress Insurance Agency Ltd mibghuta kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------